MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 127/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Hersey)**
**Vs**

**Daniel Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fis-7 ta' Lulju, 2002, ghall-habta tas-1.00 a.m. fi Triq it-Tempesta, Qrendi, saq vettura nru. IMY-356 :**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) perikoluza;**
**3) naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li ndika "stop";**
**4) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, habat ma' vettura nru. LCE-503**

**u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Glen Galea;**
**5) u aktar, fl-istess incident, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Glen Galea, skond kif iccertifika Dr. Fernando Pisani M.D ta' S.L.H.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 t'April, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap. 65, 328, 226 u 17 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, b'dan li qieset it-tielet akkuza bhala wahda preskritta, w ikkundannatu ghal multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300) kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzji ta' sewqan ghal tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 t'April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita' taghha w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni w fin-nuqqas tvarja w timmodifika l-istess sentenza, billi filwaqt li tikkonfermaha sa fejn il-qorti sabitu hati, timmodifikaha in kwantu jirrigwarda l-piena fis-sens illi, filwaqt li tikkonferma l-multa, ma timponilux l-iskwalifika mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' ;- li mhux minnu li l-appellant qasam ic-*centre strip* u dan ghaliex skond hu t-triq u anki s-sinjali tat-traffiku kienu jippermettu illi jilwi ghad-direzzjoni li xtaq imur. Ghalhekk l-imsemmi incident ma sarx bi htija tieghu. Illi f' kull kaz hu ma kienx qed isuq b' mod perikoluz u l-aktar li jista' jirrizulta hu li hu kien isuq b' manjiera traskurata. Ghalherkk fid-dawl ta' dan kollu ma jidhirx li l-piena inflitta sa fejn jirrigwarda s-sospensjoni kienet wahda li timmeritah fic-cirkostanzi. Illi l-uniku sors tal-ghixien tal-appellant hu s-sewqan ta' vetturi tat-trasport u li kieku kellu jigi hekk skwalifikat dan ser ifisser it-telf tal-impieg tieghu. Di piu', jidher li dan l-ewwel reat tieghu w li l-**

**fedina penali tieghu hija wahda netta. Ghalhekk l-iskwalifika ma jidhirx li tkun idonea biex tilhaq l-iskop taghha.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal ta' Dr. Toni Abela ghall-appellant li biha illimita l-appell tieghu ghall-piena w irtira kull talba w aggravju fuq il-mertu.**

**Rat in-Nota fl-istess sens prezentata fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2006;**

**Semghet ix-xhieda tal-appellant ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appell issa hu limitat ghall-piena w, b' mod partikolari, ghas-sospensjoni mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur ordnat bis-sentenza appellata. Issa ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999],** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.).**

Illi l-appellant instab hati ta' sewqan traskurat, sewqan b' manjiera perikoluza , ta' danni involontarji u offiza gravi involontarja fuq il-persuna ta' Glen Galea. Il-piena ghall-ahhar reat hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) ghar-reat ta' offiza gravi involontarji skond l-art. 226(1)(b). Ghalhekk tenut kont ta' dan ir-reat biss, il-piena ta' multa ta' Lm300 inflitta mill-Ewwel Qorti hija decizament entro l-parametri tal-ligi u zgur mhux

wahda eccessiva, meta l-appellant seta’ anki jigi kundannat sa sitt xhur habs jew multa ta’ elf lira (LM1000).

**Ghar-rigward tal-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan, l-artikolu 15 (1)(a) (2) tal-Kap.65 jiddisponi li :-**

***“(2) meta -reat ikun jikkonsisti f’ sewqan ta’ motor car jew vettura ohra bi traskuragni kbira jew <u>b’ mod perikoluz</u>, <u>il-Qorti</u>, b’ zieda tal-piena taht is-subartikolu (1), <u>ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan , f’ kaz tal-ewwel kundanna, ghall-zmien ta’ mhux anqas minn tlitt xhur</u> , u f’ kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara, ghal zmien ta’ mhux anqas minn sena.”*** **(sottolinear ta’ din il-Qorti.)**

Ghalhekk anki hawn hu ovvju li ladarba l-appellant instab hati ta’ sewqan perikoluz, il-piena tas-sospensjoni ghall-zmien ta’ tlitt xhur erogata mill-ewwel Qorti, kienet wahda mandatorja.

**Illi umbaghad ghall-precizjoni jigi rilevat li, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors tal-appell, il-fedina penali tal-appellant mhux wahda netta, imma minnha jirrizulta li hu kien instab hati ta’ reat kontinwat ta’ diversi serqiet.**

**Finalment il-fatt li l-appellant jahdem bhala driver, mizzewweg bit-tfal u ghandu xi djun ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita’ mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.**

**Umbaghad tenut kont tal-konsegwenzi gravi li kkaguna s-sewqan hazin tal-appellant f’ dan il-kaz, zgur li ma jghinx biex ghal xi raguni ohra, titnaqqas il-piena tas-sospensjoni, anki kieku dan kien possibbli legalment.**

**Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha, b' dana pero' li l-periodu tal-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan jibda' mil-lum f' nofs il-lejl.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------